**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 20 ta' Gunju 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**MICHAEL SALIBA**
**SAVIOUR CAMILLERI**
**GEORGE SALIBA**

Kump Nru 664/2009

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati **Michael Saliba** detentur tal-karta tal-identita numru 89957M, lil **Saviour Camilleri** detentur tal-karta tal-identita numru 55167M u lil **George Saliba**, detentur tal-karta tal-identita numru 217686M, gew akkuzati talli:

1. Nhar it-8 ta' Mazu 2008, ghall-habta tal-4pm, fi Triq Pawlu Debono Zebbug, Malta, flimkien u volontarjament hassartu, ghamiltu hsara jew gharraqtu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-danni ta' George Farrugia, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix il-€1,165 (Lm500) imma hija izjed minn €116.50 (Lm50).

Il-Qorti hija mitluba biex f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta ta' George Farrugia u tapplika il-provediment tal-artkoli 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-10 ta' Lulju 2009 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara *folio* 5);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi dak li kkaratterizza dan il-kaz hu, fil-qosor, is-segwenti. Bejn George Farrugia u l-familja tieghu fuq naha u l-imputati u xi familjari taghhom fuq in-naha l-ohra, kienet ilha ghaddejja kwistjoni (*feud/dispute*) tahraq. Mhux l-ewwel darba li dawn ilkoll spiccaw hazin. Gara illi fil-gurnata in kwistjoni, kif indikat fl-imputazzjoni, meta iben George Farrugia, Philip Farrugia hareg barra l-bieb tar-residenza u beda jiffilmja, marru jigru fid-direzzjoni tieghu l-imputati kollha. Kif ra hekk, Philip Farrugia dahal jigri lura u ghalaq il-bieb. Kien hawnhekk li l-imputati Michael Saliba u George Saliba ghamlu xi hsarat fil-bieb tar-residenza tal-familja ta` George Farrugia, kif ukoll f'xi zewg potts tal-fuhhar. L-imputat Saviour Camilleri ma kienx ippartecipa fl-atti li kkawzaw dawn il-hsarat (ara depozizzjoni tal-Maggur Joseph Borg *a folios* 63-64). Dan hu bazikament dak li sehh fil-gurnata tat-8 ta` Marzu 2008.

**Ikkunsidrat**;

Illi fl-udjenza ta` llum stess (ara l-verbal tas-seduta), l-imputati Michael Saliba u George Saliba ammettew ghall-imputazzjoni kif migjuba, u insistew fuq tali ammissjoni anki wara li inghataw zmien sabiex jahsbuha.

Wara konsiderazzjoni tar-rizultanzi processwali, principalment id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa, il-Qorti tista legittimament tikkonkludi li l-ammissjoni taz-zewg imputati msemmija hija konformi mar-rizultanzi processwali. Fil-kuntest ukoll, il-Qorti tista tikkonkludi li l-imputat Saviour Camilleri ma jistax jinstab hati ta` l-imputazzjoni migjuba. Lanqas, fil-konfront tieghu, ma jistghu jikkonkorru l-estremi tal-komplicita`.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta` piena jew sanzjoni din il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputati Michael Saliba u George Saliba, bi qbil mal-parti l-ohra George Farrugia, ghamlu donazzjoni

lid-Dar tal-Provvidenza fis-somma komplessiva ta` €400, somma li tirrapprezenta u tissostitwixxi l-kumpens li seta kien dovut lill-istess George Farrugia.

**Decide**;

**Ghall-motivi premessi din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lil Saviour Camilleri mhux hati ta` l-imputazzjoni dedotta u minnha tilliberah skond il-ligi; izda ssib lill-imputati Michael Saliba u George Saliba hatja ta` l-imputazzjoni dedotta u peress li jissussistu l-elementi idonei qed tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlu ebda rat iehor fi zmien tmintax-il (18) xahar mill-llum u dana ai termini ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta**.

Il-Qorti fissret lil Michael Saliba u lil George Saliba r-responsabbilta` taghhom skond din is-sanzjoni imposta.

In oltre, sabiex jinzamm il-kwiet ma George Farrugia u l-familjari tieghu, l-Qorti qed torbot lil George Saliba u lil Michael Saliba b'garanzija taghhom u fis-somma ta` €500 kull wiehed, ghal zmien sena millum, u dana kollu bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur